



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2012/0186(COD)

26.4.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jħassar d-Direttiva 2000/30/KE (COM(2012)0382 – C7-0188/2012 – 2012/0186(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Krišjānis Kariņš

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ta' kull sena s-suq intern qed isir aktar interkonness; il-beni qed jiċċaqalqu madwar l-Unjoni Ewropea b'intensità mhux mistennija. Dan ifisser li issa hemm sfidi ġodda ta' armonizzazzjoni fir-rigward tas-sigurtà stradali.

Ir-rapporteur jappoġġa l-għan ġenerali ta' dan ir-regolament propost mill-Kummissjoni Ewropea. Madankollu hu tal-fehma li hemm bżonn ta' bosta titjib ewlieni fit-test sabiex jingħata valur miżjud suffiċjenti lil dan ir-regolament.

L-ewwel nett is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju proposta għandha tiġi stabbilita fil-livell Ewropew. Dan hu l-iktar mod sikur kif tkun stabbilita il-klassifikazzjoni tar-riskju reali ta' impriża. Il-vetturi qegħdin jaqsmu l-fruntieri bi frekwenza dejjem akbar u b'hekk hemm bżonn li jkun magħruf liema huma dawk l-impriżi li huma meqjusa riskjużi fi Stati Membri oħrajn. Dan ma jistax jinkiseb b'sistemi ta' klassifikazzjoni tar-riskju nazzjonali.

It-tieni nett rapporti dwar l-aktar testijiet ta' affidabilità stradali reċenti għandhom ikunu disponibbli għall-ispetturi u jistgħu jservu ta' għażla biex tinħareġ il-klassifikazzjoni tar-riskju ta' kull impriża. L-Unjoni Ewropea ma għandhiex timponi piż amministrattiv addizzjonali, iżda minflok għandha tiżviluppa sistema aktar wiesa' għas-sejba ta' vetturi potenzjalment ta' ħsara li jiċċirkolaw fit-toroq Ewropej.

U fl-aħħar nett, il-proċedura ta' spezzjoni waqt it-traġitt għandha tkun aktar preċiża u t-test għandu jkun espliċitu u ċar. Pereżempju, jekk jinstabu xi nuqqasijiet tul il-kontroll waqt it-traġitt inizjali, allura għandha ssir spezzjoni dettaljata. It-test tal-Kummissjoni mhuwiex ċar dwar x'għandu jseħħ wara. L-istess japplika għat-tiswija tal-vettura. It-tiswija għandha ssir minn professjonisti u mhux fit-triq mis-sewwieq jew mill-ispettur. Din hi raġuni għalfejn jekk jinstabu nuqqasijiet perikolużi dawn għandhom jitranġaw fl-eqreb ħanut tax-xogħol.

Ir-rapporteur hu tal-fehma li 12-il xahar huma kmieni wisq biex ikun implimentat dan ir-regolament. Jipproponi skadenza ta' 60 xahar biex ikun jista' jinxtara t-tagħmir kollu meħtieġ u biex jitħarreġ il-persunal.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) L-ispezzjonijiet waqt it-traġitt

(6) L-ispezzjonijiet waqt it-traġitt

għandhom jiġu implimentati permezz ta' sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE.

għandhom jiġu implimentati permezz ta' sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju **madwar l-Unjoni**. L-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE.

Ġustifikazzjoni

Sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju fil-livell Ewropew biss jista' jkollha valur miżjud. Fi żminijiet ta' żieda fil-mobilità, il-vetturi b'merkanzija spiss jaqsmu l-fruntieri u għaldaqstant sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju fi Stat Membru biss, tħalli impatt limitat fuq is-sigurtà stradali.

Emenda 2 **Proposta għal regolament** **Premessa 13**

Test propost mill-Kummissjoni

(13) L-użu tal-unitajiet mobbli tal-ispezzjoni jnaqqas id-dewmien u l-ispejjeż għall-operaturi peress li jkun jistgħu jitwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati waqt *it-traġitt*. Iċ-ċentri tal-ittestjar jistgħu jintużaw ukoll sabiex iwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati ***f'ċerti ċirkustanzi***.

Emenda

(13) L-użu tal-unitajiet mobbli tal-ispezzjoni jnaqqas id-dewmien u l-ispejjeż għall-operaturi peress li jkun jistgħu jitwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati waqt *it-traġitt*. Iċ-ċentri tal-ittestjar jistgħu jintużaw ukoll sabiex iwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati ***jekk ikunu jinsabu fil-qrib***.

Ġustifikazzjoni

Għandha titwettaq spezzjoni aktar dettaljata jekk ikun hemm unità mobbli disponibbli għal dan il-għan jew jekk ikun hemm ċentru tal-ittestjar li jkun jinsab fil-qrib.

Emenda 3 **Proposta għal regolament** **Premessa 15**

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aqwa Prattiki bejn l-Istati Membri huma kruċjali għall-kisba ta' sistema aktar armonizzata tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt *it-tragħit* mal-Unjoni kollha. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jaħdmu aktar fil-qrib ukoll waqt attivitajiet operazzjonali. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi wkoll l-organizzazzjoni perijodika ta' spezzjonijiet organizzati flimkien waqt *it-tragħit*.

Emenda

(15) Il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aqwa Prattiki bejn l-Istati Membri huma kruċjali għall-kisba ta' sistema aktar armonizzata tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt *it-tragħitt* mal-Unjoni kollha. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jaħdmu aktar fil-qrib ukoll waqt attivitajiet operazzjonali. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi wkoll l-organizzazzjoni perijodika ta' spezzjonijiet organizzati flimkien waqt *it-tragħitt kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riżultati ta' spezzjonijiet waqt it-tragħitt u tat-testijiet tal-affidabilità stradali*.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-tragħitt għandhom jitwettqu mingħajr diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità tas-sewwieq jew tal-pajjiż ta' reġistrazzjoni, jew tad-dħul fis-servizz tal-vettura kummerċjali.

Ġustifikazzjoni

L-esperjenza attwali turi li s-sewwieqa tal-vettura huma diskriminati jekk isuqu bi pjanċi tan-numri ta' reġistrazzjoni minn ċerti pajjiżi. Dan għandu jieqaf.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

vetturi bil-magna li għandhom tal-inqas erba' roti, normalment użati għall-ġarr bit-triq ta' oġġetti u b'massa massima

imħassar

*permessibbli li ma taqbiżx it-3 500 kg -
kategorija tal-vettura N1,*

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Kull Stat Membru għandu jwettaq, f'kull sena kalendarja, għadd totali ta' spezzjonijiet inizjali, **li jikkorrispondi** għal tal-inqas għal 5 % tal-għadd totali ta' vetturi **msemmija fl-Artikolu 3(1)** li huma rreġistrati fit-territorju tiegħu.

Emenda

Kull Stat Membru għandu jwettaq, f'kull sena kalendarja, għadd totali ta' spezzjonijiet inizjali **waqt it-traġitt tal-vetturi rreġistrati eliġibbli f'kull wieħed mill-Istati Membri. Jista' jkun hemm mira li tikkorrispondi** għal tal-inqas għal 5 % tal-għadd totali ta' vetturi **eliġibbli** li huma rreġistrati fit-territorju tiegħu.

Ġustifikazzjoni

L-ispezzjoni waqt it-traġitt għandha taffettwa biss il-kategorija ta' vetturi li huma eliġibbli għall-ispezzjonijiet waqt it-traġitt. Ir-referenza għan-numru totali tal-vettura toħloq piż amministrattiv sproporzjonat. Ir-referenza għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-mira ta' 5% għandha tkun biss indikattiva. Għandu jkun hemm flessibilità għall-Istati Membri.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għandha tiġi introdotta sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt **it-traġitt** abbażi tal-għadd u s-severità tan-nuqqasijiet li jinstabu fuq il-vetturi mħaddma minn impriżi individwali, fuq livell **nazzjonali**. Is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju għandha tiġi mħaddma mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

Emenda

1. Għandha tiġi introdotta sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt **it-traġitt** abbażi tal-għadd u s-severità tan-nuqqasijiet li jinstabu fuq il-vetturi mħaddma minn impriżi individwali, fuq livell **tal-Unjoni**. Is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju **f'kull Stat Membru** għandha tiġi mħaddma mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru. **Id-dejta mill-ispezzjonijiet għandha tkun miġbura fil-livell tal-Unjoni u l-klassifikazzjoni ta' kull impriża għandha tiġi ffissata abbażi ta' dejta aggregata minn madwar l-Unjoni dwar ir-riżultati ta' spezzjonijiet waqt it-traġitt u ta' testijiet**

ta' affidabilità stradali.

Ġustifikazzjoni

Sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju fil-livell Ewropew biss jista' jkollha valur miżjud. Ma hemm l-ebda raġuni għalfejn tkun stabbilita sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju ġdida sempliċement biex tinħoloq kapacià amministrattiva ġdida.

Emenda 8
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Ix-xufiera ta' vettura rreġistrata fi Stat Membru għandhom iżommu abbord ċertifikat tal-affidabilità stradali li jikkorrispondi mal-aħħar test tal-affidabilità stradali u r-rapport tal-aħħar spezzjoni waqt it-traġit, meta dawn ikunu disponibbli.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli elettronikament lill-ispetturi fl-Istati Membri. Mhemmx bżonn li jinġarru karti żejda li jżidu l-piż amministrattiv

Emenda 9
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-impriżi individwali għandhom jiżguraw li l-vetturi li jħaddmu huma f'kundizzjoni tajba ta' affidabilità stradali l-ħin kollu.

3. L-impriżi individwali *u s-sewwieq tal-vettura* għandhom jiżguraw li l-vetturi li jħaddmu huma f'kundizzjoni tajba ta' affidabilità stradali l-ħin kollu.

Ġustifikazzjoni

Is-sewwieq tal-vettura għandu wkoll iġorr responsabilità għall-istat tekniku tal-vettura.

Emenda 10
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jiċċekkja ċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali u r-rapport tal-ispezzjoni waqt *it-traġit, fejn ikunu disponibbli, li jkunu qed jinżammu abbord skont l-Artikolu 7(1)*;

Emenda

(a) jiċċekkja ċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali u r-rapport tal-ispezzjoni waqt *it-traġitt*;

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali u r-rapporti ta' spezzjoni preċedenti għandhom ikunu disponibbli b'mod elettroniku, sabiex ma jkunx impost piż finanzjarju addizzjonali fuq l-impriżi u biex tiġi ffaċilitata spezzjoni waqt it-traġitt mingħajr xkiel.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Abbażi tar-riżultat tal-ispezzjoni inizjali, l-ispettur *jista'* jiddeċiedi li l-vettura jew it-trejler tagħha għandu jkun suġġett għal spezzjoni aktar dettaljata waqt *it-traġit*.

Emenda

Abbażi tar-riżultat tal-ispezzjoni inizjali, l-ispettur, *f'każ li l-ispezzjoni inizjali turi li hemm bżonn ta' spezzjoni aktar dettaljata sabiex ikun hemm valutazzjoni sħiħa tal-istat tekniku tal-vettura, għandu* jiddeċiedi li l-vettura jew it-trejler tagħha għandu jkun suġġett għal spezzjoni aktar dettaljata waqt *it-traġitt*.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-ispettur ma għandux jawtorizza vettura kklassifikata bħala li fiha nuqqasijiet perikolużi biex tintuża sakemm dawn in-nuqqasijiet ma jiġux rettifikati fil-post tal-ispezzjoni. L-ispettur *jista'* jawtorizza li din il-vettura tintuża sabiex tasal sal-ħanut tax-xogħol l-aktar qrib fejn tista' ssir ir-rettifika ta' dawn in-nuqqasijiet, bil-kundizzjoni li n-nuqqasijiet perikolużi

Emenda

L-ispettur ma għandux jawtorizza vettura kklassifikata bħala li fiha nuqqasijiet perikolużi biex tintuża sakemm dawn in-nuqqasijiet ma jiġux rettifikati fil-post tal-ispezzjoni *jew f'wieħed mill-eqreb ħwienet tax-xogħol. Jekk in-nuqqasijiet misjuba fl-oqsma ta' vettura msemmija fl-Artikolu 10(2)*, l-ispettur *għandu* jawtorizza li din il-vettura tintuża sabiex

jissewwew b'mod li jippermettu li l-vettura tasal f'dan il-ħanut tax-xogħol u li mhemm ebda riskju immedjat għas-sikurezza tal-okkupanti jew tal-utenti tat-triq l-oħrajn.

tasal sal-ħanut tax-xogħol l-aktar qrib fejn tista' ssir ir-rettifika ta' dawn in-nuqqasijiet, bil-kundizzjoni li n-nuqqasijiet perikolużi jissewwew b'mod li jippermettu li l-vettura tasal f'dan il-ħanut tax-xogħol u li mhemm ebda riskju immedjat għas-sikurezza tal-okkupanti jew tal-utenti tat-triq l-oħrajn.

Emenda 13
Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-ispettur jista' jawtorizza l-vettura kklassifikata bħala li għandha nuqqasijiet perikolużu sabiex titwassal direttament sas-sit l-aktar qrib fejn din il-vettura tista' tisewwa jew tiġi kkonfiskata.

Emenda

imħassar

Emenda 14
Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha **tirrapporta d-dejta** li tinġabar **lill-Parlament Ewropew**.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha **tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew** li jiġbor **fil-qosor id-dejta** li tinġabar.

Emenda 15
Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 21 għandha tiġi kkonferita għal perjodu **indeterminat ta' żmien** [mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda

2. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 21 għandha tiġi kkonferita għal perjodu **ta' ħames snin** [mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. **Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapprt dwar id-delega tal-poter sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tal-**

poter għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku sakemm il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda 16
Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Huwa għandu japplika minn **[12-il]** xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].

Emenda

Huwa għandu japplika minn **[60]** xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].

Ġustifikazzjoni

Għandu jingħata żmien biżżejjed biex jinxtara t-tagħmir neċessarju u biex jinħoloq mekkaniżmu ta' skambju tal-informazzjoni fil-livell Ewropew.

PROĊEDURI

| | |
|---|---|
| Titolu | Spezzjoni teknika waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni |
| Referenzi | COM(2012)0382 – C7-0188/2012 – 2012/0186(COD) |
| Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN 11.9.2012 |
| Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE 11.9.2012 |
| Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra | Krišjānis Kariņš 25.10.2012 |
| Eżami fil-kumitat | 18.3.2013 |
| Data tal-adozzjoni | 25.4.2013 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 44 –: 3 0: 1 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Fabrizio Bertot, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Vicky Ford, Gaston Franco, Adam Gierek, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hélin, Edit Herczog, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Philippe Lamberts, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Teresa Riera Madurell, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Konrad Szymański, Evžen Tošenovský, Catherine Trautmann, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Elisabetta Gardini, Jolanta Emilia Hibner, Eija-Riitta Korhola, Bernd Lange, Vladimír Remek, Algirdas Saudargas, Silvia-Adriana Țicău |